Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TIENI LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 20 ta' Mejju 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI - MS |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOE DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti ghall-bidu tal-laqgha bl-eccezzjoni tas-Sinjura CS li waslet wara l-approvazzjoni tal-Minuti taz-zewg laqghat precedenti.

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Approvati unanimament.

L-Agenda tal-Laqgha giet sospiza sabiex issir prezentazzjoni mill-Kumpanija Rodeco rapprezentata mis-Sur James Xuereb fuq sistema gdida ta' patching. Din il-prezentazzjoni hadet ftit tal-hin u giet kumplimentata permezz ta' turija ta' slides. Wara l-prezentazzjoni is-Sur SC spjega li ovvjament ghalkemm ix-xoghol jidher professjonali xorta il-Kunsill marbut b'sistema ta' tendering w'ghaldaqstant hekk kif jinhargu t-tenders is-Sur Xuereb ha jigi nfurmat.

## 2. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Cassar rega' semma l-kwistjoni tal-Librerija u talab biex kif kien gie deciz jinzamm meeting ma' Sherill. Is-SE qalet li d-Dipertiment tal-Libreriji alloka s-somma ta' € 1000 sabiex dawn jinxtraw kotba ghall-Librerija. Qalet ukoll li hekk kif qed jigi diskuss dan l-item hi qed titlob approvazzjoni sabiex skond Memo 10/2015 jinxtraw € 500 f'kotba u li dawn il-kotba jridu jirriplesjaw dawk qodma minn awturi prominenti. Il-Kunsill qabel li jigi allokat nofs is-somma mid-Dipartiment u johrog il-kumplament ta' nofs il-flus. Giet iffirmata wkoll il-Memo u l-Mozzjoni dwar l-approvazzjoni ta' xiri. Rigward il-proceduri kontrieh min-naha tas-Sur Borg hu qal li xorta ghaddej bil-konfront fil-Qorti minhabba xi kummenti li kien ghadda fuq is-Social Network Facebook.

## 3. KORRISPONDENZA

Giet imressqa din il-korrispondenza:

- Kopja ta' proposta sabiex is-SE ikompli b'kors li jwassal ghal Award f'Human Resource Development and Management. Dan il-kors jiswa €550 + VAT.Hadd ma kellu oggezzjoni fuq din it-talba.

- E-mail fuq il-progett SCAN li s-SE ghadha ma tafx kif il-Kunsill jista' jkun t'ghajnuna. SCAN hija ghaqda li twaqqfet ftit ilu hu li tiehu hsieb qtates abbandunati. Aktar dettalji jinghataw il-quddiem.

**4. 3 Year Business Plan diskussjoni, Proposti**

Is-Sinjuri AM u RC ressqu l-proposti taghhom permezz ta' Power Point Presentation rigward it-3 Year Business Plan li jinkorpora fih laqghat mas-Sur Edward Said sabiex jinbeda l-progett tal-Librerija fi Gnien L-Istazzjon, konok fit-toroq Sta. Katerina, Ballut, Pjazza Gwann Pawlu II, tahwil ta' sigar f'Ottubru, l-Walking Bus li ghandha tinbeda wkoll f'Ottubru, iktar sinjali storici, *heritage walk and signage*, talks edukattivi u blogs u iktar attivitajiet innovattivi specjalment fis-settur edukattiv. Kopja tal-Power Point hi annessa ma' dawn il-Minuti.

Is-Sur MS propona li jitkomplew is-serje ta' artikli fil-fuljett bhal ta' Stephen Bonello, Alfred Baldacchino, filwaqt li titkompla l-pagna Niltaqghu ma' Henry Frendo. Is-Sur MS saqsa wkoll jekk sarx xi haga fuq il-korsijiet LLL. Is-SE irrispondiet li qed isir arrangement mal-iskola dwar is-dispozizzjoni tal-klassijiet sabiex il-korsijiet li l-Kunsill propona ghal din is-sena jsiru.

Is-Sur Alfred Zammit skuza ruhu u halla l-kamra.

Tqanlet diskussjoni fuq l-ufficcini tal-Kunsill fejn is-Sindku spjega li kienet inharget tender, li kienet giet *awarded* u li kienet se tiskadi f' Novembru li gej u l-Kunsill b'xi mod irid jiehu azzjoni. Kien hemm suggerimenti kemm minn Sinjuri CS u MA fuq jekk per ezempju jekk setax jitlop il-Kunsill biex jaghmel uzu mill-Binja vasta li ghandu l-Kappillan. Is-SC rrisponda li l-Kunsill ra diversi binjiet imma kollha jiswew eluf ta' Euro, filwaqt li s-SE wiegbet li jekk ic-cifra ta' self taqbez €350,000 bejn wiehed u iehor ried isir referendum. Is-Sur JD tenna li referendum jiswa eluf ta' Euro pero' wera x-xewqa li jiddiskuti iktar fil-fond qabel il-Kunsill jiddeciedi.

Is-Sur JD qal li bhalha proposti hu jixtieq li jithejja Traffic Management Report. Is-Sur SC qabel filwaqt li kompla billi qal li dan irid isir kongunt ma' lokalitajiet ohrajn fosthom Iklin, B'Kara, Lija, Balzan...Is-Sur JD qal li *traffic assessment* jiswew hafna flus imma xorta jixtieq jara titjieb fl-iskema ta' traffiku fil-lokalita'. Is-Sur JD propona wkoll li l-Kunsill isib areas vojta fejn isiru appozitament bhalha Dog Parks.

Is-SC propona li fit-3 Year Business Plan tiddahhal l-ispiza sabiex jitkompla t-tarmak fi Triq B'Kara min fejn qed isir xoghol fuq il-*rain water culvert* sa fuq, li jsiru accessibli l-bankini permezz ta' dropper kerbs.

Is-Sur SC propona wkoll li jitkomplew il-hidmiet fuq il-Gemellagg ma' Elancourt fejn issa kienu se jkunu nkarigati minnu hu u s-Sur MS. Is-Sur Remigio Bartolo jibqa' Chairman tas-Sotto-Kumitat Gemellagg.

Hawnhekk is-Sindku qal li ghamel xi tibdiliet fil-karigi li jinsabu annessi ma' dawn il-Minuti.

Is-Sur MS skuzu ruhhu u halla l-kamra.

**5. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI MARZU, APRIL U MEJJU**

Is-SE spjegat li minhabba kummenti mill-Awdituri ic-cedola ta' pagamenti prezentata waqt il-laqghat tal-Kunsill ha jkunu jinkludu cekkijiet bid-data tal-laqgha u li dawn jigu mpustati wara li jigu approvati. Ghalhekk talbet l-approvazzjoni ghall-pagamenti ta' qabel flimkien ma' dawk ghax-xahar ta' Mejju li jgibu d-data 20. Dawn gew approvati.

**6. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Talab lill-Kunsill jiehu azzjoni sabiex l-ghassa tinfetah iktar spiss. Is-SE infurmat lill-kulhadd li bhalissa l-Ghasses kollha qed jigu *refurbished* sabiex jigu attrezzati b'sistemi adekwati ta' kompjuters li jilqghu ilmenti u jkunu *networked.*
- Li titrenga u tinfetah iktar spiss il-Berga minhabba li ghandha xi hsarat estensivi. Is-SE qalet li l-Ministeru tas-Sahha ghandu Budget attaposta ghall-irrangar tal-bereg u li bhalissa qed tiftah erba' darbiet fil-gimgha.
- Li jiddeplora l-gholi tal-bini u l-qerda tal-kampanja.

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Sottometta ritratti tal-haddiema jbexxu l-haxix u qal li jispera li mhux qed jintuzaw pesticide.
- Talab ghall-iktar indafa fit-toroq u li kif tohrog it-tender tal-knis tigi rrangati l-iskeda biex terga' lura kif kienet minhabb li darba fi hmistax mhux bizzejjed.
- Saqsa hux qed jintuza d-drip irrigation ta' Gnien Hal-Warda. Is-Sur SC kellu jiccekkha minhabba li jidhirlu li kien hemm xi hsarat.

Il-laqgha giet aggornata ghall-Erbgha,10 ta' Gunju 2015 fil-5.30 ta' filghaxija.

________________________ ____________________

Sindku Data